MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1698/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Marie Anne Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Lulju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmien liri Maltin (Lm108.00) rapprezentanti in kwntu ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) import ta' erba' kambjali (Dok. 1 sa 4)li d-data ta' maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' Lm8.00 bhala imghaxijiet legali dovuti sallum fuq l-istess ammonti.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-llum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Kenneth Cutajar, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tmien liri Maltin (Lm108.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------